MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

Id-Disa’ Leġislatura

Seduta Numru 09.28, it-Tlieta, 19 ta’ Mejju, 2026

---

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f’ 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa’ għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 28 tad-Disa’ Leġislatura, nhar it-Tlieta 19 ta’ Mejju 2026, fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ixxandret ‘*live*’ permezz tas-sistema tal-‘*online streaming*’ kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-‘*Video On Demand’* u mtella’ fuq il-paġna tal-Kunsill http://mgarrlc.com/live-stream/

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Paul Vella | Sindku |
| | Wistin Vella | Viċi sindku |
| | Odette Muscat | Kunsilliera |
| | Charles Said | Kunsillier |
| | Owen Galea | Kunsillier |
| | Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **PREŻENTI B’ MOD VIRTWALI** | Ħadd |
| **ASSENTI B’ APOLOĠIJA** | Ħadd |
| **ASSENTI** | Ħadd |
| **MEMBRI TAL-PUBBLIKU** | Ħadd |

## ----- MINUTI -----

**Preamboli u Aġenda**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*28.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji*

*28.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

*28.03 Kommunikazzjoni mis-Sindku*

*28.04 Korrispondenza*

*28.05 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*

*28.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti*

*28.07 Il-Proġett ta’ Darrenzi*

*28.08 Titjib tal-lattrini tal-Ġnejna*

*28.09 Proġett tal-Immanniġjar tat-Traffiku*

*28.10 Sejħiet għall-Offerti*

*28.11 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa*

### 28.01 Qari tal-ittri ta’ apoloġija

28.01.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija għal din il-laqgħa.

## 28.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.02.01 Il-minuti tal-aħħar laqgħa ġew mibgħuta minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

28.02.02 Għaldaqstant, il-minuti tal-aħħar laqgħa ġew approvati unanimament mill-membri tal-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 28.03 Kommunikazzjoni mis-Sindku

28.03.01 Is-Sindku informa li kien beda ix-xogħol tal-proġett tal-rinnovament tal-lattrini tal-Ġnejna. Kien ippjanat li kollox ikun lest sa' nofs ix-xahar ta' Ġunju. Kien hemm qbil ukoll li jitwaħħlu CCTV mas-sit biex jilqgħu kontra l-vandliżmu. Ġiet approvata l-istima mingħand ISPY Project Limited li kienet ta' €1386.50. Ħa nitolbu lill-kuntrattur sabiex iżid il-ħin ta' attendenza matul ix-xhur tas-sajf.

28.03.02 Is-Sindku informa wkoll li Triq San Pietru kienet bdiet topera bħala direzzjoni waħda lejn Triq Fisher. Kienet hemm bżonn li jitwaħħlu xi sinjali u jsiru xi linji tat-triq, imma il-flow tat-traffiku kien miexi sew.

## 28.04 Korrispondenza

28.04.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenza oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali u entitajiet oħra. L-aktar importanti minn dawn kienu mwassla lill-membri tal-Kunsill immedjatament malli jaslu permezz tas-sistema elettronika.

28.04.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll korrispondenzi dwar l-applikazzjonijiet li għandu il-Kunsill mal-Awtorita’ tal-Artijiet dwar it-tqegħid tal-ġebel fil-Ġnejna kif ukoll dwar is-sit ta’ Tal-Facciol.

**28.05 Temi Oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

28.05.01 Il-Kunsill iddiskuta il-bżonn tal-qtugħ ta’ ħaxix ħażin fid-diversi toroq rurali. Is-sindku semma li dan kien qed isir skont pjan mil-kuntrattur. Intqal li l-ħaddiema tal-knis kellhom jaraw li jaqgħtu ċerti ħaxix ħażin fit-toroq urbani, ġol-konnok tas-siġar, etċ.

28.05.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-Estimi Finanzjari tal-Kunsill għas-sena 2025, wara l-awditjar. Kien hemm diskussjoni fuqhom u xi mistoqsijiet li ġew imwieġba mis-Segretarju Eżekuttiv, u finalment ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv, biex issa jintbgħatu lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u lill-Grant Thorton.

28.05.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet instabet kandidata għal-vakanza ta’ Skrivan Part-Time għall-Kunsill. Din kienet is-Sa. Anna Sammut Abela u li kienet ġiet ikkonfermata eliġibbli mil-JobsPlus. Il-Kunsill approva din in-nomina u qabel li hi kienet ser tibda’ taħdem fl-1 ta’ Ġunju.

28.05.04 Is-Segretarju Eżekuttiv kien informa li skont l-obbligi tal-Kunsill fil-proġett Ewropew INCLUDE, kien hemm bżonn li jiġi organizzat kick-off meeting kemm jista jkun malajr, qabel l-aħħar ta’ Mejju. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa 22 ta’ Mejju, fis-6:00pm.

**28.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

28.06.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti Numru 5/2026, li kienet tammonta għall-€52,008.42 fi’ ħlasijiet relatati max-xogħlijiet u s-servizzi tal-Kunsill, kif ukoll €5,009.82 fi’ flus miġbura għall-entitajiet, għal total ta’ €57,018.24.

28.06.02 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku u żewġ membri oħra tal-Kunsill.

**28.07 Il-Proġett ta’ Darrenzi**

28.07.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-aħħar żvilluppi dwar il-kuntrattur tal-proġett ta’ Darrenzi. Informa li wara li dan kiene ingħata ultimatum finali, dan reġa ma bediex, u kienet qiegħed isemmi li kien hemm bżonn li jiġu riveduti ir-rati u variables. Naqas ukoll li jaqbel maż-żmien ta’ sitt xhur biex ilesti il-proġett. Għaldaqstant, wara parir legali, il-kuntrattur ġie mgħarraf li r-relazzjoni ta’ negozju bejn iż-żewġ partijiet kienet ġiet konkluża.

28.07.02 Il-Kunsill qabel li s-sejħa tal-offerti ta’ dan il-proġett terġa tinħareġ ħalli jinstab kuntrattur ieħor u dan il-proġett ikun jista jibda.

**28.08 Titjib tal-Lattrini tal-Ġnejna**

28.08.01 Bħalma diġà semma’ s-Sindku aktar qabel, il-proġett tat-titjib tal-lattrini tal-Ġnejna kien miexi tajjeb. Kienet qed isir madum u ċeramika ġdida u kienu ser jiżdiedu il-postijiet minn 2 għall-4 komplessivi.

28.08.02 Wara li jitlesta l-madum, kien ser jittieħed il-kejl biex isir l-aluliminium u l-aperturi. Kif diġà ssemma kienu ser jitwaħħlu kameras tas-sigurta' fil-post.

28.08.03 Il-Kunsill qabel ukoll li il-binja tal-lattrini tingħata manutenzjoni kif kien għaddej ix-xogħol, li kien jinvolvi tikħil, żebgħa u kisi biex tkun tista tiflaħ aktar kontra l-elementi.

**28.09 Proġett tal-Immaniġjar tat-Traffiku**

28.09.01 Il-Kunsill iddiskuta l-implimentazzjoni tal-proġett tal-pjan ġdid tal-immaniġjar tat-traffiku fl-Imġarr u ż-Żebbiegħ.

28.09.02 Triq San Pietru kienet daħlet fis-seħħ diġà. Il-Kunsill iddiskuta fejn kien ser jiġi installat il-bus-stop.

28.09.03 It-tieni parti tal-pjan ser tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġimgħa tal-Ġunju, bl-implimentazzjoni taż-Żebbiegħ fejn Skorba u l-inħawi kif ukoll tan-naħa tal-ground tal-football.

28.09.04 It-tielet parti imbgħad għandha tidħol fis-seħħ għall-aħħar ta' Ġunju u il-bidu ta' Lulju u tkun tinkludi it-toroq tal-Imġarr.

28.09.05 Il-Kunsill iddiskuta wkoll Triq Dun Edgar. Kien hemm qbil li ssir proposta lill-TM sabiex din it-triq issir one way 'l fuq, lejn Triq San Pawl. Ser tintbgħat din il-proposta mill-aktar fis.

## 28.10 Sejħiet għall-Offerti

28.10.01 Il-Kunsill iddiskuta il-ħruġ ta' sejħiet għall-offerti li kien hemm bżonn jiġu ppubblikati. Dawn kienu jinkludi:

i. Kostruzzjoni parti mill-proġett ta' Darrenzi, kif diġà ssemma, biex jerġa jinħareġ mill-aktar fis;
ii. Xogħol ta' manutenzjoni ta' passaġġi, bankini u xogħlijiet ċivili, li kien inħareġ u ma kienx hemm offerti għalih;
iii. Xogħol għall-entratura ta' Għajn Tuffieħa li jkollna id-dokumentazzjoni neċċessarja f' idejna;
iv. Xogħol ta' restawr u rinnovament tal-faċċata tal-binja tal-Kunsill, la jkollna id-dokumentazzjoni neċċessarja f' idejna u konferma minn fejn ser ikollna il-fondi għall-dan il-proġett.

28.10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni għas-sejħa tal-offerti relatat mal-installazzjoni ta' alarms kemm tad-dħul mhux awtorizzat kif ukoll tan-nirien. Il-bord ippropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' ISPY Projects Limited, peress li kiet l-irħas waħda fost l-offerti konformi mat-talbiet tas-sejħa. Il-Kunsill approva unanimament din ir-rakkomondazzjoni.

## 28.11 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

28.11.01 Qabel tmiem il-laqgħa, ġie maqbul li l-laqgħa ta' wara ssir it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2026 u ta' wara ssir it-Tnejn 20 ta' Lulju, dejjem fil-5:30pm.

28.11.02 Is-Sindku iddikjara il-laqgħa magħluqa fis-6:58pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

*Approvati llum,* _____________ , _____ *tax-xahar ta'* ________________,*tas-sena* ____________ .